



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.6.2016
C(2016) 3913 final

Dr Anġlu FARRUGIA
Il-President tal-Kamra tad-
Deputati
Il-Palazz
MT – VALLETTA VLT 1115

Sur President,

Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE {COM(2016) 53 final}.

Din il-proposta tikkostitwixxi element importanti tal-Unjoni tal-Enerġija, li l-għan tagħha huwa li tipprovdi lill-konsumaturi tal-UE – familji u negozji – bi provvista tal-enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezzijiet raġonevoli. Għandha l-għan li tiżgura l-kompatibbiltà tal-ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija mad-dritt tal-UE u li żżid it-trasparenza tagħhom, biex b'hekk tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-UE.

L-introduzzjoni ta' valutazzjoni ex ante obligatorja ġiet identifikata fil-valutazzjoni tal-impatt takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni bħala l-uniku mod effiċjenti biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà sħiħa ta' tali ftehimiet intergovernattivi mad-dritt tal-UE u tiżdied it-trasparenza tagħhom. Sal-lum, l-ebda Stat Membru ma rnexxielu jtemm jew jinneozja mill-ġdid dawk il-ftehimiet intergovernattivi ivvalutati bħala mhux konformi skont id-Deċiżjoni 994/2012/UE¹. Dan huwa l-każ partikolarment minħabba s-sitwazzjoni legali kumplessa li tqum għadjarba l-ftehimiet intergovernattivi jkunu ffirmati bejn Stat Membru u pajjiżi terzi. Għadjarba Stat Membru jkun ikkonkluda ftehim intergovernattiv vinkolanti skont id-dritt internazzjonali pubbliku li ma jkunx fih klawżola ta' sospensjoni jew ta' terminazzjoni, ikun – f'termini legali – kważi impossibbli għall-Istat Membru kkonċernat li jittermina l-ftehim intergovernattiv f'perjodu qasir ta' żmien u qabel tmiem il-perjodu ta' validità inizjali tiegħu mingħajr il-qbil tal-pajjiżi terzi. L-istess japplika fir-rigward tan-negozjar mill-ġdid ta' ftehim intergovernattiv, li għalih ikun meħtieġ il-kunsens tal-pajjiżi terzi. Dan jillimita b'mod

¹ ĠU L 299, 27.10.2012, p. 13–17.

konsiderevoli l-poteri tal-infurzar tal-Kummissjoni, anki jekk ikun se jitnieda proċess ta' ksur.

Rigward it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati fir-rigward tal-fatt li verifika ex ante mandatorja x'aktarx se tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-riżultat tal-verifika ex ante proposta ma jkunx deċiżjoni legalment vinkolanti mill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni jkollha effett sospensiv biss għal perjodu limitat ta' massimu ta' tnax-il ġimgħa (li jistgħu jitqassru skont l-Artikolu 5(3) tal-proposta). Barra minn hekk, il-bażi għal tali verifiki ex ante tkun strettament limitata għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-acquis tal-UE. Skont il-qafas propost, l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jiffinalizzaw in-negozjati u jiffirmaw ftehimiet intergovernattivi sakemm dawn jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt tal-UE. Il-verifika ex ante proposta, għaldaqstant, ma tkunx tikkostitwixxi sentenza mogħtija fuq l-opportunità politika li jiġi nnegozjat ftehim intergovernattiv iżda verifika fuq il-legalità tal-ftehim intergovernattiv innegozjat. Dan huwa konformi kompletament mat-Trattati, b'mod speċjali l-Artikoli 4 u 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-enerġija.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li l-verifika ex ante proposta ma tapplikax għal strumenti li ma jorbtux legalment. Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta jestendi għal strumenti li ma jorbtux legalment peress li jistgħu jkollhom impatt simili fuq is-suq intern tal-enerġija bħal ftehimiet intergovernattivi u l-implimentazzjoni tagħhom tista' tirriżulta fi ksur tad-dritt tal-UE, il-verifika ex ante proposta ta' strumenti li ma jorbtux legalment tkun eżerċitata biss ex post, tkun obbligatorja u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat iktar milli għal ftehimiet intergovernattivi (jiġifieri għal strument li mhumiex legalment vinkolanti li fihom interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-provvista tal-enerġija jew l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija) sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-prattika.


Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li l-mekkaniżmu ex ante li qed tipproponi huwa l-aktar soluzzjoni effiċjenti sabiex tindirizza n-nuqqas ta' konformità ta' ftehimiet intergovernattivi mad-dritt tal-UE b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet aktar tekniċi fl-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi lill-Kamra tad-Deputati għall-anness għal din l-ittra.


Il-punti msemmija f'din it-tweġiba huma bbażati fuq il-proposta inizjali ppreżentata mill-Kummissjoni li hija attwalment fil-proċess leġiżlattiv li tinvolvi kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill fejn il-gvern tiegħek huwa rappreżentat.

Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw il-kwistjonijiet imsemmija mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku tagħna fil-ġejjieni.

Dejjem tiegħek,



*Frans Timmermans
L-Ewwel Viċi President*



*Maroš Šefčovič
Viċi President*

ANNEX

Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa kull waħda mill-kwistjonijiet imsemmija mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni Motivata tagħha u bi pjaċir toffri l-kjarifiki li ġejjin.

Fuq l-esperjenza ta' ftehimiet mhux konformi:

Il-Kummissjoni ma tistax tissottoskrivi għall-kummenti tal-Kamra tad-Deputati dwar iċ-ċifri u l-analiżi li jirfdu l-valutazzjoni tal-impatt u r-rapport tal-evalwazzjoni mehmużin mal-proposta. F'dawn id-dokumenti, il-Kummissjoni enfasizzat li l-istqarrija li kienu biss 17 minn 124 ftehim intergovernattiv li nstabu inkompatibbli skont id-Deċiżjoni 994/2012/UE ma tagħtix l-istampa sħiħa tal-problema inkwistjoni. Il-Kummissjoni spjegat fiż-żewġ dokumenti li madwar 60% tal-124 ftehim intergovernattivi nnotifikati dwar il-kooperazzjoni ġenerali għall-enerġija, prinċipalment il-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u firxa wiesgħa ta' pajjiżi terzi. Ħafna minn dawn il-ftehimiet intergovernattivi fir-realtà kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 994/2012/UE attwali u ma setgħux jiġu notifikati mill-Istati Membri. Filwaqt li l-istqarrija li kienu biss 13.7% (17 minn 124) tal-ftehimiet intergovernattivi notifikati li kien fihom dispożizzjonijiet li kienu ta' tħassib hija statistikament korretta, ma tirriflettix l-istampa sħiħa. Għal din ir-raġuni, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkwantifika wkoll is-sehem ta' ftehimiet intergovernattivi li għandhom impatt fuq l-operazzjoni jew il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija jew fuq is-sigurtà tal-provvista tal-UE li l-Kummissjoni kkunsidrat li fihom dispożizzjonijiet inkompatibbli mad-dritt tal-UE. Mill-124 ftehim intergovernattiv notifikat kienu biss 40% li jaqgħu taħt din il-kategorija, jiġifieri prinċipalment ftehimiet intergovernattivi dwar il-provvista, l-importazzjoni jew it-tranżitu ta' prodotti tal-enerġija (bħal żejt, gass u elettriku) jew ftehimiet intergovernattivi mmirat lejn l-iżvilupp ta' infrastruttura relatata mal-enerġija, li l-biċċa l-kbira jikkonċernaw pajjiżiet taż-żejt u tal-gass. Minħabba li l-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' 17-il ftehim intergovernattiv mad-dritt tal-Unjoni, l-istqarrija li madwar terz tal-ftehimiet intergovernattivi l-aktar rilevanti għall-operazzjoni jew il-funzjonament tas-suq intern jew s-sigurtà tal-provvista tal-UE kien fihom dispożizzjonijiet li ma kinux konformi mad-dritt tal-UE mhix waħda qarrieqa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-fatt relevanti mhuwiex l-għadd ta' ftehimiet intergovernattivi inkompatibbli, iżda l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-suq intern jew s-sigurtà tal-provvista tal-UE. Eżempju msemmi fil-valutazzjoni tal-impatt huwa l-proġett South Stream li kien sostnut minn sitt ftehimiet intergovernattivi mhux konformi u kien oriġinarjament imfassal sabiex jiġu trasportati madwar 60 biljun metri kubi ta' gass fis-sena. Dan kien jirrappreżenta madwar 21% tat-total annwali tal-importazzjonijiet tal-gass tal-UE. Anki jekk għadd limitat biss ta' kurituri tal-enerġija ġodda huma mistennija li jiġu żviluppati fis-snin li ġejjin, kull proġett ġdid ta' infrastruttura potenzjali jista' jkollu impatt konsiderevoli fuq is-suq sħiħ tal-enerġija tal-UE jew partijiet minnu. Għaldaqstant huwa essenzjali li tali ftehimiet intergovernattivi jkunu kompatibbli mad-dritt tal-UE.

Filwaqt li tqis dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mekkaniżmu ex ante li qed tipproponi huwa l-aktar soluzzjoni effiċjenti sabiex tindirizza n-nuqqas ta' konformità ta' ftehimiet intergovernattivi mad-dritt tal-UE b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Dwar it-tieni għażla tal-valutazzjoni tal-impatt:

Il-Kummissjoni bir-rispett kollu ma taqbilx mad-dikjarazzjoni li t-tishiĥ tal-konformità mal-acquis tal-UE jista' jinkiseb aħjar permezz tat-tieni għażla proposta fil-valutazzjoni tal-impatt. Din l-għażla hija relatata mal-possibbiltà li klawżoli standard jiġu inklużi fi ftehimiet intergovernattivi. Tali klawżoli mudelli jistgħu jgħinu l-Istati Membri meta jinneozjaw ftehimiet intergovernattivi ma' pajjiżi terzi (għaldaqstant, il-Kummissjoni beħsiebha tiżviluppa tali klawżoli mudelli fakultattivi). Madankollu, kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt, id-Deċiżjoni 994/2012/UE li tikkonċerna l-prodotti tal-enerġija kollha (ħlief għal daww nukleari) u tkopri ftehimiet intergovernattivi dwar il-provvista, l-infrastruttura u l-kooperazzjoni bilaterali. Skont il-proġett, il-mudell tan-negożju u l-istruttura regolatorja jistgħu jvarjaw. Konsegwentement, il-firxa wiesgħa u l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet u l-mudelli ta' negożju li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 994/2012/UE mhux se jippermettu l-iżvilupp ta' klawżoli preċiżi biżżejjed sabiex tiġi sostitwita l-valutazzjoni ex ante profonda ta' abbozz tat-test finali u nneozjat. Tali klawżoli mudell, għaldaqstant, mhumiex se jsolvu l-kwistjoni li, għaladarba ftehim intergovernattiv inkompatibbli jkun iffirmit, huwa kważi impossibbli li jinbidel ex post.